IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 27 t' Awwissu, 2025

Rikors numru: BCT/29/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Abigail Pule`

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' rikors fejn l-appellanti ikkontestat id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 1 t' April, 2025 fejn permezz taghha l-Awtorita` intimata imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) u dana in vista ta' nuqqas ta' tindif immedjat, tnehhija ta' tajn mit-triq u bankina bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08.

Illi permezz tal-appell taghha l-appellanti tikkontendi s-segwenti:

1. Li l-procedura imposta mil-ligi hija skorretta u tilledi d-drittijiet fundamentali ta' smiegh xieraq tal-esponenti. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti irrizervat id-

drittijiet kollha taghha skont il-ligi u ddikjarat li ser toggezzjoni li jittressqu provi u/jew ragunijiet godda li ma gewx moghtija lilha qabel ma sar dan l-appell.

2. Illi l-Awtorita` naqset milli taghti prova tajba tal-ksur tal-ligi imputat lill-appellanti. Fil-fatt, l-appellanti tissottometti li ghandha ritratt li juri li l-hmieg tnehha f'waqtu.
3. Illi, fil-mertu, mhux minnu li kien hemm 'nuqqas ta' tindif immedjat, tnehhija ta' tajn mit-triq u bankina'.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi jinghad li l-avviz tal-penali kien car bizzejjed sabiex juri liema ksur kien sehh.*
3. *Illi rigwardanti Dok B u cioe` l-imejl mibghutha mill-Awtorita`, jidher csr li l-kelma 'yesterday' taqa' fir-renju tal-'lapsus calami' u dan stante li kull zmien jindika l-1 t'April, 2025.*
4. *Illi in sostenn tad-decizjoni l-Awtorita` qiegheda tannetti trail of events immarkat bhala Dok BCA1 u ritratti immarkati bhala Dok BCA2.*
5. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda ta' Cedric Zammit waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2025 meta l-Awtorita` ghalqet il-provi taghha.

Ra l-affidavit ta' Jonathan Curmi u wkoll l-affidavit ta' Abigail Pule`. Sema' x-xhieda ta' Abigail Pule`, Jonathan Curmi u Roaul Briffa waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2025.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal u d-dokumentazzjoni kollha ezebita.

Ra l-verbal tas-seduta datata 30 ta' Lulju, 2025 fejn l-istadju tal-provi gie dikjarat maghluq u l-appell gie differit ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ser jindirizza fl-ewwel lok l-aggravju preliminari koncernanti ksur ta' drittijiet fundamentali u principji ta' gustizzja naturali. It-Tribunal jinnota li, permezz ta' dan l-aggravju preliminari, l-appellanti semplicement irrizervat il-posizzjoni taghha u ddikjarat li ser t'oggezzjoni li jittressqu provi jew ragunijiet godda li ma gewx moghtija lili qabel ma sar l-appell. It-Tribunal jinnota li matul il-mori tal-appell, l-appellanti la ressqet talbiet b'rabta ma' dan l-aggravju u lanqas oggezzjonijiet b'rabta mal-istess li ma gewx debitament ikkunsidrati. Lanqas ma jirrizulta li dan l-aggravju gie ulterjorment indirizzat permezz ta' xi prova jew waqt is-sottomissjonijiet legali.

Illi permezz tal-istess aggravju l-appellanti tilmenta li, proceduralment, mhux gust li "*jigi impost fuqha l-oneru li taghmel appell motivat QABEL is-smiegh tal-kaz taghha meta ma nghatat l-ebda affidavit jew raguni ghal multa in kwistjoni ghajr il-multa stess u ritratt.*"

Illi huwa car li t-Tribunal mhuwiex il-forum odjern sabiex jindirizza wisq anqas jiddeciedi allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali jew principji amministrattivi salv illi jara li dawn jigu zgurati fil-proceduri odjerni, entro l-paramtri tal-ligi li tirregola l-proceduri quddiem l-istess Tribunal. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaqbel ma' dak eccepit mill-Awtorita`. Id-decizjoni appellata tindika precizament l-imputazzjoni sollevata fil-konfront tal-appellanti b'referenza ghall-ksur tal-ligi allegat u wkoll bid-data tal-istess ksur tal-ligi hekk imputat. Perdipiu`, f'dan il-kaz, il-provi tal-Awtorita` instemghu qabel dawk tal-appellanti li f'dan ir-rigward ma hassetx il-htiega li titlob kjarifiki ulterjuri jew li tikkoregi d-difiza taghha skont l-appell intavolat minnha jew, fid-dawl ta' tali provi, titlob xi rimedju iehor kif irrizervat li taghmel. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi diffikulta` sabiex l-appellanti tressaq id-difiza taghha skont id-drittijiet moghtija lilha mil-ligi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad dan l-aggravju.

Illi fir-rigward tal-mertu, l-appellanti tikkontendi li t-tindif mehtieg minnha skont il-ligi sehh minghajr dewmien. Tikkontesta wkoll ir-ritratt ezebit mill-Awtorita`li jindika data hazina – il-

31 ta'Marzu, 2025, fatt dan inkontestat mill-istess Awtorita`tenut kont it-tielet eccezzjoni mressqa minn din tal-ahhar ghall-appell. F'dan ir-rigward it-Tribunal isib li l-imputazzjoni sollevata kontra l-appellanti hija palezement b'referenza ghad-data tal-1 tÁpril, 2025 u huwa proprju dak li rrizulta f'din id-data li t-Tribunal ser jistharreg.

L-appellanti tiddikjara li "*l-allegazzjoni li kien hemm terrapien fit-triq ghandi nghid li mhux minnu li kien hemm terrapien fit-triq. Nhar l-1 t' April, fit-triq kien hemm tajn billi dik il-gurnata kienet xita u t-tajn kien inevitabbli, u nghid ukoll li t-tajn kien tnaddaf kompletement dik il-gurnata stess. Nghid li jiena kellimt lis-Sur Curmi* (il bennej tal-appellanti – nota tat-Tribunal) *sabiex nifhem x'kien gara u dan qalli li fl-1 t' April ghall-habta tal-11am meta mar l-inspector huwa kien hareg mis-sit biex jarmi materjal u meta gie lura kien naddaf.*" L-appellanti tghid li wara li harget il-penali pruvat taghmel kuntatt mal-Awtorita` f'diversi okkazzjonijiet imma baqghet minghajr risposta. Hija tikkontesta wkoll in-notament tal-ufficjal tal-Awtorita`fejn dan jghid li kellem lis-site manager u tghid li "*dan huwa kompletament skorrett ghaliex is-site manager huwa jiena, Abigail Pule`, u dakinhar jien lanqas biss kont on-site u wisq aktar ma gejt inghatatha b'xi instructions.*"

Il-verzjoni taghha hija konfortata wkoll minn dik tal-kuntrattur taghha Jonathan Curmi fejn jghid li "*nhar il-25 ta'Marzu, 2025 jiena kont fuq is-sit meta gie l-inspector tal-BCA u kellimni, nghid li saqsieni kemm konna ser indumu bl-iskavar u ghidtlu li kelli gimghatejn xoghol. Huwa qalli li kollox kien sew, izda ghamilli premura li meta nispicca mix-xoghol ta'skavar kelli niehu hsieb li nnaddaf. Jiena fil-fatt nghid li kuljum kont innaddaf warajja. Nghid ukoll li nhar il-31 ta' Marzu, 2025 la jiena u lanqas il-haddiema tieghi marru fuq is-sit ghaliex festa pubblika. Nhar l-1 t' April, 2025 morna fuq is-sit, ghabbejt trukk materjal u hadt il-materjal ghal dumbing site u ma tlqajtx mal-inspector pero` nghid li kont hrigt biss ghal ftit hin u wara mort lura nkompli nahdem fuq is-sit, u bhal dejjem naddaft warrajja. Ghandi nghid ukoll li r-ritratt li gie prodott mill-BCA fl-1 t'April ma jurix terrapien izda tajn u dan billi dakinhar kienet ghamlet ix-xita.*"

Mir-ritratti ezebiti it-Tribunal jinnota li f'zewg okkazjonijiet u cioe`fil-25 ta'Marzu, 2025 u wkoll fl-1 t'April, 2025, il-bankina tidher mahumuga bit-tajn u hamrija filwaqt li taht il-bankina tidher forma ta' rampa maghmula minn hamrija u materjal iehor ta' kostruzzjoni, evidentement sabiex tiffacilita tlugh u nzul ghas-sit bl-ingenji. L-appellanti tikkontendi permezz tal-appell taghha li "*r-rampa tat-tajn hija necessarja sabiex jipprotegi l-bankina minn hsara zejda meta*

t-trakk jidhol fis-sit. Ghandu jkun evidenti li hsara fil-bankina tkun inkonvenjent aktar ghall-girien milli jinzamm it-tajn ghal ftit minuti sakemm tigi lura trakk u jitkompla l-process ta' tindif tas-sit." A prova tal-intervent tempestiv taghha, l-appellanti ezebiet ritratt datat 1 t'April u li jidher mehud jew mibghut fil-hamsa neqsin zewg minuti ta'waranofsinhar (16.58) fejn juri l-bankina u t-triq tahtha nadifa.

Ta'parti tieghu, l-ufficjal tal-Awtorita` jikkontendi li huwa kien kellem "*lill-persuna li kienet qieghda tahdem fuq is-sit. Jien tajtu instructions biex jaghmel gate u biex inaddaf is-sit. Tajtu n-numru tat-telefown tieghi biex ikun jista' jibghatli ritratti tal-azzjoni mehuda minnu ghax qalli li kien ser jaghmel hekk dakinhar stess. Baghtli pero` ritratt tal-gate li kienet saret, pero` ritratt tat-tindif ma baghatlix. Jien meta rajt hekk ghamilt spezzjoni ohra fl-1 t' April u nghid li s-sit sibtu aghar minn dak li kont rajt qabel. Nghid illi jiena meta rajt hekk, hrigt il-multa u ergajt tajt struzzjonijiet biex is-sit jitnaddaf.*"

B'referenza ghar-ritratt ezebit mill-appellanti u li juri s-sit imnaddaf, "*Fuq mistoqsija tat-Tribunal fejn* (…) *qed nigi mistoqsi jekk jien niftakarx li jien kont gejt infurmat li s-sit kien tnaddaf fl-1 t' April, stess ghal madwar il-17:00 ta' waranofsinhar, nghid illi jien m'ghandix informazzjoni dwar dan u ma nafx li dan fil-verita` hekk sar. Lanqas ma niftakar meta kienet id-data li jien mort fiha t-tielet darba u hemmhekk sibt li ma kien hemmx aktar infringements.*"

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-disposizzjonijiet relevanti tal-LS 623.08 senjatament l-art. 6 tal-Ewwel Skeda li jipprovdi testwalment:

> *Is-segwenti faċilitajiet u miżuri adegwati għandhom jittieħdu sabiex jiżguraw li s-sit u l-prossimità immedjata tiegħu jinżammu ndaf:*
> *(a) kwalunkwe skart jew debris għandu jinżamm fuq is-sit u jintrema ġo reċipjenti magħluqa ta' l-iskart sabiex jiġi evitat li dawn jinfirxu barra mis-sit għal ġo kwalunkwe żona pubblika bir-riħ, xita jew xi movimenti oħra relatati mal-proċess tax-xogħlijiet;*
> *(b) ix-xogħlijiet m'għandhom joħolqu l-ebda rimi ta' prodotti tat-tindif, żebgħa, żjut, materjal ieħor li jniġġeż, jew skart perikoluż fis-siti pubbliċi jew fis-sistemi ta' drenaġġ jew fil-baħar;*
> ***(ċ) tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż;***
> *(d) knis, ħasil jew tneħħija bil-vacuum ta' trab mit-triq;*

(e) pits fejn isir il-ħasil, miksers tal-konkos jew tjun u postijiet li jżommu l-kimika għandhom jiġu lokalizzati 'l bogħod minn sistemi ta' drenaġġ u kanali tal-ilma jew proprjetàta' terzi; u

(f) qabel kwalunkwe moviment ta' vetturi mis-sit ta' kostruzzjoni għal fuq kwalunkwe żona pubblika, dawn għandu jkollhom ir-roti maħsulin minn kull ħmieġ, trab jew xi materjalieħor li jista' jinġarr fuq żona pubblika u jaqa' fuqha.

Fic-cirkostanzi tal-kaz jidher li l-ufficjal kien gustifikat li johrog il-multa tenut kont li, kif jirrizulta mix-xhieda tieghu u wkoll mill-emails datati 25 ta'Marzu, 2025, appuntu fuq il-ilment ta' hmieg fil-vicinanzi tas-sit, huwa sab dak li jirrizulta mir-ritratt ezebit mill-Awtorita` bhala Photo 1. Jirrizulta wkoll ampjament car li sab sitwazzjoni identika fit-tieni okkazzjoni li mar u cioe` fl-1 t'April, 2025 meta mbaghad hareg il-penali. It-Tribunal ma jaqbilx mal-appellanti li, kif tghid l-appell taghha, ghax "*il-ligi ma taghti l-ebda definizzjoni tal-kelma immedjat u ma timponi l-ebda terminu ta' zmien partikulari f'liema ghandu isir it-tindif ghalhekk fis-sens naturali taghha din il-klawsola tal-ligi ghandha tinftiehem u tinqara li ma hemm l-ebda ksur purche it-tindif isir minghajr dewmien li mhux ragjonevoli*". Il-kelma "immedjat" palezement tezigi li l-hmieg jitnaddaf hekk kif jigi krejat u kwindi minnufih, immedjatament. Il-kelma u l-ispirtu tal-ligi ma jistghux jigu interpretata xort'ohra anke ghaliex kull waqt li hmieg, ikun tajn jew terrapien, jithalla fuq is-sit jew fil-vicinanzi tieghu, dan jista' jkun kawza ta' perikolu ghas-sahha tan-nies oltre milli naturalment jaffetwa l-amenita` generali taz-zona. Huwa minnu li, almenu skont l-appellanti, il-kuntrattur taghha kien qed inaddaf – u b'dan wiehed jifhem li l-kuntrattur kien qed inehhi r-rampa li holoq hu stess b'hamrija u materjal, taht il-bankina – wara kull gurnata tax-xoghol. Madanakollu, anke kieku dan jirrizulta pruvat, dan mhuwiex dak li trid il-ligi. Il-ligi ma tghidx li s-sit irid jitnaddaf biss wara li l-kuntrattur ikun spicca mix-xoghol imma tezigi proprju li tindif ikun wiehed immedjat. Lanqas ma tawtorizza l-ligi li kuntrattur jaghmel uzu minn hmieg jew materjal, *multo magis*, 'il barra mis-sit sabiex jinqeda bih fix-xoghol tieghu kif jidher li sehh f'dan il-kaz. Dan iffiser illi l-kuntrattur ma kellux johloq rampa bil-hamrija, tajn u materjal ta' kostruzzjoni taht il-bankina ghaliex huwa car li dan huwa hmieg li ma jistax jithalla fuq is-sit wisq anqas fuq area pubblika. Ix-xita ta' dakinhar ma sservi bl-ebda mod sabiex timminimizza jew tiskolpa lill-appellanti ghaliex it-tajn li nholoq u li jidher fuq il-bankina u wkoll aktar 'l isfel fit-triq, inholoq proprju bhala kawza tal-uzu tal-hamrija fit-triq u fis-sit bhala rampa. Il-fatt li l-ufficjal rega mar fl-1 t'April u sab l-istess sitwazzjoni li kien raha fil-25 ta' Marzu jiggustifika l-hrug tal-penali f'din id-data ghaliex huwa car u fil-fatt inkontestat, li l-kuntrattut kien qed juza din ir-rampa maghmula mill-hamrija u t-tajn

regolarment biex jiffacilita dhul u hrug mis-sit ghalih u bil-holqien awtomatiku ta' hmieg li ma kienx qed jitnaddaf minnufih kif tehtieg il-ligi.

Illi madanakollu ghandu jigi kkunsidrat ukoll li, wara li l-appellanti fehmet tassew x'kien qed jigi imputat lilha, hija hadet l-azzjoni tempestiva b'tali mod li mhux biss is-sit tnaddaf dakinhar stess li fih harget il-penali, kif jixhed ir-ritratt ezebit minnha, imma wkoll jidher li fis-7 t'April, din ir-rampa tal-hamrija giet sostiwita b'wahda tal-konkos li ma taghmilx u ma thallix hmieg warajha.

Fic-cirkostanzi , it-Tribunal isib li l-penali mahruga mill-Awtorita` kienet wahda eccessiva u ghaldaqstant qed jirriduci l-istess ghall-minimu skont il-ligi tenut kont in-natura tal-imputazzjoni, fis-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' l-appell limitatament sakemm kompatibbli mas-surreferit u qieghed ghaldaqstant jirriduci l-penali imposta ghas-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) filwaqt li jikkonferma d-decizjoni appellata datat 1 t'April, 2025 ghall-bqija.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru